# KUNSILL LOKALI MTARFA

## IS-SITT LEĠIŻLATURA
## MINUTI TAL-LAQGĦA TAL-KUNSILL
## LAQGĦA NUMRU 23 – IL-ĦAMIS 31 TA' LULJU 2014

Il-Kunsill iltaqa' fis-Sala tal-Kunsill Lokali Mtarfa fit-7:45pm.

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti : | Daniel John Attard | Sindku |
| | Antoine Vella | Viċi Sindku |
| | Simon Paul Fenech | Kunsillier |
| | Anthony Mifsud | Kunsillier |
| | Josette Micallef | Segretarju Eżekuttiv |
| | Twanny Bugeja | Kunsillier (marid) |
| | Matthew Seychell | Ambaxxatur Lokali taż-Żgħażagħ (skużat) |

Kien hemm persuna waħda tattendi.

Hawnhekk is-Sindku informa li l-Kunsillier Bugeja kien reġa' ddaħħal l-isptar minħabba kura urġenti u kien infurmah li ma setax jattendi għal-laqgħa.

**1. APPROVAZZJONI TAL-MINUTI NRU. 22**

1.1 Il-minuti ntbagħtu minn qabel u għaldaqstant kienu meqjusa moqrija.

1.2 Fuq suġġeriment tal-Kunsillier Fenech kien hemm qbil li f'para. 11.1, it-tieni sentenza tiġi taqra *Hawnhekk is-Sindku u l-Kunsillier Fenech qablu mal-Kumment tal-Viċi Sindku.*

1.3 Il-minuti ġew approvati u ffirmati mis-Sindku u mis-SE.

**2. PUNTI MILL-MINUTI**

2.1 Is-SE għamlet riferenza għal para. 2.1 fir-rigward tal-proġett tal-Bosk. Hija infurmat li kien inħareġ l-avviż mill-ġdid u s-sottomissjonijiet kienu jagħlqu nhar it-Tnejn 18 ta' Awwisu f'nofsinhar. Hija infurmat li s'issa kienu xtrawha ħames kuntratturi. Infurmat ukoll li l-għada kienet se tattendi għal bilateral meeting mal-perita.

2.2 Is-SE infurmat li dwar para. 2.4, kienet ġiet ordnata sleeping policeman għal Triq l-Imtarfa.

2.3 Hawnhekk wasal il-Viċi Sindku. Il-ħin kien it-8:00pm.

2.4 Is-SE infurmat li d-Dipartiment tal-Artijiet kien informa li l-isqaq bejn Triq Sir Philip Pullicino u Triq il-Konti Salvatore Manduca kien proprjetà tal-Awtorità tad-Djar u għaldaqstant kien inqata' l-ħaxix kollu u tneħħa l-ħmieġ. Kien hemm qbil li l-Kunsill lgħandu jagħmel talba formali lill-Awtorità tad-Djar sabiex dan jiġi ppavimentat biex jitneħħa l-periklu. Is-SE infurmat li riċentament kienet għamlet talba wkoll lill-MAGF u lill-Onorevoli Ian Borg għar-rikostruzzjoni ta' dan l-isqaq. Sadanittant fuq

suġġeriment tal-Viċi Sindku kien hemm qbil li s-SE għandha tibgħat ittra lill-Awtorità tad-Djar u tinfurmahom li hemm kamra li hija perikoluża ħafna u għaldaqstant se jintalab il-permess biex titwaqqa'.

2.5 Is-SE infurmat li fir-rigward tal-kwistjoni dwar l-iskip iż-żejda, il-kuntrattur tal-iskip ma kienx aċċetta li ma jitħallasx tal-iskip kif issuġġerit mill-Kunsill. Fuq suġġeriment tal-Viċi Sindku kien hemm qbil li din l-iskip titpoġġa fi Triq Dar il-Kaptan u jiġi negozjat prezz ġdid mal-kuntratt ta' €2 għal kull ġurnata mill-bidu tal-kuntratt lil hawn.

2.6 Is-SE infurmat li d-dawl ta' Triq is-27 ta' April kien ġie rranġat.

2.7 Fir-rigward tal-para. 3.1, kien hemm qbil li fil-pjazzetta ta' bejn il-*Clubhouse* u l-Gym tal-Imtarfa Depiro l-Kunsill ma kienx qed jaqbel li ssir *playing field* minħabba l-inkonvenjenza li tista' toħloq lir-residenti tal-viċin. Minflok kien qed jiġi ssuġġerit li jiżdied il-parkeġġ u jkun hemm aċċess adegwat għal *fire-engine*. Barraminnhekk, kien hemm qbil li l-Kunsill għandu jinkorpora parkeġġ quddiem Binja Qlejgħa u jagħmel użu mill-kobor tal-bankina.

2.8 Dwar para. 10.1 u 10.2, is-SE infurmat li kienu ntbagħtu d-default notices. Hija infurmat ukoll li skont it-talba tal-Kunsill, hija kienet ikkonfermat ukoll il-kundizzjonijiet tal-offerta mal-avukat fejn jidher li l-Kunsill seta' joħroġ default notice oħra fejn jagħti sebat ijiem ċans lill-kuntrattur sabiex jirranġa s-sitwazzjoni. Kemm-il darba dan ma jsirx fl-għeluq tas-sebat ijiem, il-Kunsill seta' jibgħat ittra ta' terminazzjoni tal-kuntratt fejn jagħti ċans ta' tletin ġurnata mid-data li fiha tiskadi s-seba' ġurnata mid-default notice. Fuq rakkomandazzjoni tal-Viċi Sindku, kien hemm qbil unanimu li kemm-il darba l-kuntrattur tal-knis ma jkunx qata' l-ħaxix tal-lokalità kollha hekk kif wiegħed li kellu jagħmel sa Ġunju, għandha tinħareġ ittra sabiex il-kuntratt tiegħu jiġi terminat. Is-SE intalbet sabiex tibda tipprepara offerta għal dan is-servizz sabiex jekk tintbagħat il-konferma tat-terminu tal-kuntratt tkun tista' toħroġ offerta ġdida.

2.9 Dwar ix-xogħol li għandu jsir mill-ħaddiema fi Triq is-27 ta' April, is-SE infurmat li jidher li minn taħt il-bankina kienu għaddejja xi kommunikazzjonijiet. Kien hemm qbil li għandu jsir verifikar bid-detector sabiex jiġi kkonfermat jekk hux għaddejja xi *cables* jew le.

## 3. KOMMUNIKAZZJONI MIS-SINDKU

3.1 Is-Sindku preżenta ittra ta' ringrazzjament min-naħa tal-Imtarfa Drama Group għall-użu ta' kamra matul dawn is-snin.

3.2 Is-Sindku informa li mill-Enemalta kienu infurmaw lill-Kunsill li hemm bżonn li jsir meter għad-dawl ta' Binja Msieraħ. Kien hemm qbil li l-Kunsill għandu jibqa' jinsisti li dan id-dawl għandu jitqabbad mas-sistema tat-toroq minħabba li huwa passaġġ pubbliku.

3.3 Fuq talba tas-Sindku kien hemm qbil li jiġu mmarkati sinjali ta' parkeġġ quddiem Binja Buqana.

3.4 Is-Sindku ssuġġerixxa li l-Kunsill għandu jaħseb sabiex isir *dog park* fil-lokalità. Kien hemm diversi suġġerimenti iżda l-aktar postijiet li ntogħġbu kienu ħdejn tal-karnival u taħt Triq is-27 ta' April. Kien hemm qbil li s-SE għandha ddaħħal dan ix-xogħol extra fuq l-offerta tal-knis sabiex il-Kunsill ikun preparat għal din l-eventwalità.

3.5 Is-Sindku informa li kienet se tinzamm laqgħa għas-sottokumitat tal-attivitajiet u għaldaqstant stieden lill-Kunsilliera kollha sabiex jekk għandhom xi ideat dawn għandhom iwassluhom fl-uffiċċju tal-Kunsill. Sadanittant is-SE talbet lis-Sindku u lill-Viċi Sindku sabiex jivverifikaw jekk il-banda tal-armata setgħetx tipparteċipa fl-edizzjoni ta' Military Mtarfa ta' din is-sena.

3.6 Is-SE infurmat li kienet irċeviet lura mingħand il-Kunsill ta' Pumpherston fl-Iskozja fejn dawn kienu qed jissuġġerixxu li l-applikazzjoni għall-ġemellaġġ tkun tirrigwardja l-futbol. Kien hemm qbil iżda li għandu jkun hemm diskussjoni miftuħa aktar u sabiex possibbilment tinvolti l-isport inġenerali, l-edukazzjoni u l-kultura. Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni li dawn iżuru l-Imtarfa fil-ħarifa tal-2015 u li kontinġent mill-Imtarfa jżur Pumpherston.

3.7 Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni li ssir applikazzjoni għal servizz tal-internet sabiex is-CCTV's ikunu jistgħu jiġu aċċessati mill-uffiċċju tal-Kunsill. Dan kien jinvolvi madwar €166 fis-sena.

3.8 Is-SE infurmat li kienet irċeviet żewġ talbiet għal tpoġġija ta' xi aerials fuq it-torri tal-arloġġ. Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni li jitpoġġew aerials eċċ fuq il-binja tal-Kunsill però ma jaqbilx li għandhom jitwaħħlu mat-torri. Is-SE għandha tiltaqa' maż-żewġ persuni differenti.

3.9 Is-SE infurmat li kienet irċeviet memo fejn mil-lum 'il quddiem il-Kunsilliera setgħu jkollhom kopja tal-aġenda, minuti u lista tal-pagamenti għal-laqgħa. Kemm-il darba ma jridux li jingħataw kopja dawn kellhom jagħmlu dan bil-miktub. Il-Kunsilliera kollha talbu li tingħatalhom.

3.10 Is-SE infurmat li hi u l-Viċi Sindku kienu ltaqgħu maċ-Chairperson tal-Awtorità tad-Djar fejn din kienet aċċettat li tħallas l-ammont ta' madwar €5,500 sabiex jagħmlu tajjeb għad-dwalijiet li tpoġġew mal-binjiet tal-Gvern.

3.11 Is-SE infurmat li matul il-ġimgħa ta' wara hi u s-Sindku flimkien mal-Perit u l-Kappillan kienu se jattendu għal laqgħa ma' rappreżentant tal-kurja dwar il-proġett tal-pjazza.

## 4. ĦLASIJIET U PAGAMENTI

4.1 Il-lista tal-pagamenti, kopja tagħha mehmuża, ġiet approvata u ffirmata.

4.2 Is-SE preżentat rapport tad-dħulijiet għax-xahar ta' Ġunju 2014.

## 5. *TENDER MTFLC/T/01/2014 – CLEANING AND MAINTENANCE OF PARKS AND GARDENS*

5.1 Hawnhekk il-Kunsill issospenda l-laqgħa għal ftit minuti sabiex jiddiskuti l-offerti fuq livell ta' sottokumitat.

5.2 Il-Kunsill qabel li din l-offerta tingħata lil Waste Collection Ltd minħabba li huwa ċ-*cheapest compliant bidder*.

5.3 Is-Servizz il-ġdid għandu jibda jingħata mill-bidu ta' Settembru 2014.

## 6. *TENDER MTFLC/T/02/2014 – SERVICE OF THE COLLECTION OF BULKY REFUSE*

6.1 Il-Kunsill qabel li din l-offerta għandha tingħata lis-Sur Lino Micallef minħabba li hija l-irħas offerta.

6.2 Is-Servizz il-ġdid għandu jibda jingħata mill-bidu ta' Settembru 2014.

**7. ĦRUĠ TA' KWOTAZZJONI PUBBLIKA GĦALL-ASSIGURAZZJONI TAL-KUNSILL U TINDIF TAL-UFFIĊINI**

7.1 Is-SE kienet għaddiet speċifikazzjonijiet għal dawn is-servizzi permezz tal-*email*.

7.2 Il-Kunsill qabel li għandhom jinħarġu. Sadanittant għandhom jiġu estiżi l-kuntratt u l-ftehim mal-operaturi li hemm fil-preżent sakemm jintagħżlu kuntratturi ġodda.

**8. PROĠETT PILOTA U KWESTJONARJU DWAR *PERFORMANCE MANAGEMENT* FIL-KUNSILLI LOKALI (MEMO 16/2014)**

8.1 Il-Kunsill qabel li għandu jitfa' l-applikazzjoni sabiex jagħmel parti minn proġett pilota dwar performance management. Is-SE infurmat li l-ispejjeż kollha involuti ma' dan il-proġett kienu qed ikunu koperti minn fondi tal-UE.

**9. WEBSAJT ĠDIDA GĦALL-KUNSILL**

9.1 Is-SE infurmat li kienet applikat mal-MITA sabiex ikollha servizz ta' student għal madwar 11-il ġimgħa u dan fil-preżent kien qed jaħdem fuq websajt ġdida għall-Kunsill. Il-Kunsill approva dan ix-xogħol u anke li jinstabu operaturi għall-*hosting* u għad-*domain* sabiex din il-websajt tkun tista' tiġi aċċessata mill-pubbliku.

**10. PUNTI OĦRA**

10.1 Il-Kunsillier Mifsud informa li l-Kumitat Reġjonali Tramuntana kien qed jaħseb biex iwaqqaf il-kuntratt tal-eco wardens minħabba li fi żmien 6 xhur dawn kienu ħarġu biss total ta' 5 ċitazzjonijiet fuq lokalitajiet differenti inkluż l-Imtarfa. Il-Kunsill qabel unanimament ma' din id-deċiżjoni.

**12. AĠĠORNAMENT**

13.1 Il-laqgħa spiċċat fl-10:30pm. Il-laqgħa li jmiss se tinżamm nhar il-Ħamis 21 ta' Lulju fis-7:30pm.

| | |
|---|---|
| **Josette Micallef** | **Daniel John Attard** |
| **Segretarju Eżekuttiv** | **Sindku** |